KUMMISSJONI INTERDJOĊESANA AMBJENT

**Kummissjoni Interdjoċesana Ambjent**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 90, Head Office,
Marsa, MRS 1000 Malta
Email: ambjent@maltadiocese.org

## Reazzjoni tal-Kummissjoni Interdjoċesana Ambjent (KA) għad-Dokumenti li ħareġ il-Gvern dwar l-oqsma tal-Ambjent u l-Ippjanar

Il-Gvern ħareġ żewġ dokumenti dwar ir-riforma fil-proċess tal-ippjanar: "For an Efficient Planning System – A Consultation Document" maħruġ mis-Segretarjat Parlamentari għall-Ippjanar u s-Simplifikazzjoni Amministrattiva responsabbli mill-MEPA, u "Towards High Standards for Environment Protection and Resource Management" maħruġ mill-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, Ambjent u Tibdil fil-Klima.

Il-KA tixtieq turi t-tħassib tagħha fuq xi punti proposti mill-Gvern, u tistieden lill-awtoritajiet biex fit-tfassil tal-liġi li se tkun ippreżentata fil-Parlament jew liġijiet sussidjarji, jagħtu kunsiderazzjoni għall-punti li se nsemmu.

L-ikbar attenzjoni li trid tingħata hija fuq l-effett li t-tibdiliet proposti se jkollhom fuq l-ambjent, l-iżvilupp sostenibbli u, fl-aħħar mill-aħħar, fuq in-nies ta' kull sitwazzjoni soċjo-ekonomika. Li nitkellmu fuq effiċjenza biss mhuwiex biżżejjed. Irridu nitkellmu wkoll dwar kif dawn it-tibdiliet se jħallu effett pożittiv fuq l-art u n-nies li jgħixu fiha u madwarha. Ħafna mit-tibdil propost ma jagħtix raġuni xierqa għal-liema raġuni qed tkun proposta l-bidla u dan huwa ta' tħassib.

Ħafna mit-tibdiliet proposti jidhru li huma ntiżi biex jindirizzaw kwistjonijiet li jaġevolaw żviluppaturi u ma jissalvagwardjawx il-prinċipji ta' sostenibbiltà jew protezzjoni tal-ambjent li d-dokumenti stess jgħidu li se jippromovu. Eżempji ta' tibdiliet issuġġeriti li jnisslu tħassib hemm:

1. **L-introduzzjoni mill-ġdid tal-*outline development permits***. Milli jidher l-awtoritajiet ma rrifflettewx biżżejjed fuq il-każ tal-Mistra. F'dan il-każ, il-permess finali għall-iżvlupp għoli u intensiv ingħata minħabba li l-membri tal-MEPA kellhom "idejhom marbutin" għax kien inħareġ diġà *outline permit* snin qabel. Il-"frustrazzjoni" tal-bord u ta' esponenti tal-Gvern milli jidher diġà intesiet. Se jerġa' jidħol proċess fl-ippjanar li mingħajr ma jkun hemm konsiderazzjoni sħiħa tal-impatti tal-proġett finali, se terġa' tibda tittieħed deċiżjoni preliminari (imma li torbot) fuq prinċipji biss ta' żvilupp, u mhux fuq id-dettalji li jiżguraw li l-iżvilupp ikun sostenibbli. Wara mbagħad jerġa' jkollna l-apoloġiji li "idejna huma marbuta u ma nistgħu nagħmlu xejn". Jekk tassew irridu nevitaw li nidħlu f'dawn l-isqaqien, hu mportanti li l-*outline development permits* ma jerġgħux jidħlu fis-sistema tal-ippjanar.

2. **L-influwenza tal-Ministru responsabbli mill-Ippjanar f'deċiżjonijiet partikulari.** L-Awtorità li toħroġ il-permessi ta' żvilupp issa trid tikkunsidra wkoll kull stqarrija pubblika li jagħmel il-Ministru responsabbli mill-ippjanar dwar materja ta' *policy*. Din il-miżura titfa' lura b'għexieren ta' snin il-proċess tal-ippjanar. Il-*policies* u l-pjanijiet ta' żvilupp huma dawk li jkun approva il-Ministru u l-Gvern jew il-Parlament, u mhux fuq xi stqarrija pubblika li jibda jagħmel il-Ministru fuq xi insistenza ta' xi żviluppatur jew entità oħra biex jinfluwenza *policy* li taffettwa xi applikazzjoni partikolari. L-ironija hi li qed ikun propost li l-Bord li jieħu d-deċiżjonijiet ma jistax jinvoka raġunijiet għal rifjut ta' permess abbażi ta' pjani li jkunu għaddew mill-konsultazzjoni pubblika u jkunu quddiem il-Ministru għall-firma. Dan minħabba li dawn ma jkunux għadhom ġew approvati. B'hekk jista' jinħoloq abbuż li Ministru jittrattjeni li japprova *policy* biex ikun aġevolat żviluppatur jew entità oħra. Min-naħa l-oħra, stqarrija fil-pubbliku tal-Ministru dwar xi *policy* għandha tkun kunsidrata mill-Bord li jkun se joħrog il-permess. Fl-opinjoni tal-KA, il-Bord għandu, meta jikkunsidra applikazzjonijiet għall-permessi, jikkunsidra wkoll *policies* li jkunu waslu fi stadju avvanzat biex ikunu approvati mill-Ministru.

3. **L-Awtorità dwar l-Ambjent u r-Riżorsi għandu jkollha veto f'deċiżjonijiet dwar xi tipi ta' applikazzjonijiet għal żvilupp.** Mhuwiex biżżejjed li l-Awtorità l-ġdida dwar l-Ambjent u r-Riżorsi jkollha membru fuq il-Bord tal-Awtorità li tagħti l-permessi għall-iżvilupp. Għandu jkun hemm lista, approvata mill-Ministru responsabbli mill-Ambjent u l-Ministru responsabbli mill-Ippjanar, li jkollha fiha t-tipi ta' żviluppi li jeħtieġu wkoll il-permess tal-Awtorità dwar l-Ambjent u r-Riżorsi biex l-iżvilupp ikun jista' jseħħ. Dan jgħodd speċjalment għal tipi ta' żvilupp 'il barra miż-żoni ta' żvilupp (ODZ). Ir-riżorsi tal-art u l-baħar huma l-ikbar riżorsi ambjentali ovvji li għandna. Jekk l-Awtorità dwar il-Kontroll tal-Izvilupp se jkollha dejjem l-aħħar kelma dwar l-iżvilupp fuq l-art u l-baħar, ma nistgħux nifhmu l-emfasi kbira li qed jagħmel il-Ministru responsabbli mill-Ambjent fuq ir-rwol tal-Awtorità dwar l-Ambjent u r-Riżorsi fl-immaniġġjar tar-riżorsi ambjentali. L-aktar meta din l-Awtorità mhu se jkollha kważi l-ebda saħħa effettiva fil-ħruġ ta' permessi għal żvilupp fuq l-art u l-baħar. Dan minkejja li wieħed mill-għanijiet tal-Awtorità tal-Ambjent suppost huwa "t-tfassil u implimentazzjoni ta' *policies* li għandhom x'jaqsmu mal-protezzjoni u l-immaniġġjar tal-ambjent u l-immaniġġjar sostenibbli tar-riżorsi naturali". F'dan il-kuntest huwa ta' tħassib li qabel ma qed issir ir-riforma, il-Ministru responsabbli mill-Ambjent lanqas kien ikkonsultat fuq il-*policy* tal-iżvilupp 'il barra miż-żoni tal-iżvilupp (ODZ policy). Dan ma jawgurax tajjeb għal kif il-protezzjoni tal-ambjent għandha tkun magħġuna fil-proċess tal-ippjanar tal-iżvilupp.

Il-KA kienet minn tal-ewwel li kienet issuġġeriet it-twaqqif ta' Awtorità tal-Ambjent minħabba li ħafna drabi l-interessi ambjentali kien ikollhom ibaxxu rashom għal dawk tal-ippjanar. Intrinsiku f'dan is-suġġeriment hemm l-intenzjoni li din l-Awtorità l-ġdida tkun waħda li jkollha s-snien u għalhekk ikollha s-setgħa li twaqqaf proġetti li jkunu qed jipperikolaw l-immaniġġjar sostenibbli tar-riżorsi naturali ta' pajjiżna. Minn dak li qed ikun propost hemm il-periklu li din l-Awtorità l-ġdida sa tkun imneżża' minn din is-setgħa, u b'hekk tinħoloq sitwazzjoni bil-wisq agħar minn dik li ppruvajna nimxu lil hinn minnha.

4. **Għoli ta' Bini:** Qed ikun propost li l-Awtorità li tagħti l-permessi ta' żvilupp għandha tagħti kas ukoll ta' "*existing commitments*", inkluż l-għoli tal-bini, meta tkun qed tikkunsidra l-permessi. B'din il-proposta, il-viċinanzi ta' kull fejn hemm bini għoli, inkluż dak li kien approvat għall-Mistra, jista' jsir bini għoli fihom. Permess wieħed jista' jiftaħ il-bieb għal iktar permessi, bir-riżultat li pjani strateġiċi, lokali jew dwar suġġetti partikolari, ma jagħmlux iktar sens. Il-bordijiet li jagħtu l-permessi qed tingħatalhom diskrezzjoni kbira b'riżultat li jistgħu jiġu jaqgħu u jqumu mill-pjani li jkunu ħarġu għall-konsultazzjoni pubblika u li l-pubbliku, mingħalih, jaħseb li abbażi tagħhom se jittieħdu d-deċiżjonijiet dwar applikazzjonijiet għall-iżvilupp.

5. **Bini li ma jistax jiġi sanzjonat.** It-tneħħija tas-Sitt Skeda li turi bini li ma jistax jiġi sanzjonat hija pass lura fl-impenn tal-Gvern li ma jkunx hawn abbużi fil-bini. Sfortunatament bis-sitwazzjoni kif inhi bħalissa diġà kellna diversi esperjenzi ta' strutturi abbużivi li ġew sanzjonati wara li s-sidien tagħhom lagħbu l-logħba li jistennew il-klima politika adattata sabiex jieħdu dak li riedu bi sfida għal kull min jirrispetta l-liġi. Wieħed jista' biss jimmaġina fejn naslu bit-tneħħija tas-Sitt Skeda.

6. **L-Iskedar.** Il-possibiltà li bini skedat jista' jitneħħa mil-lista ta' skedar wara 10 snin ma jawgura xejn għall-protezzjoni ta' bini li huwa meqjus bħala patrimonju nazzjonali.

7. **L-Infurzar.** Il-possibiltà li proprjetà li jkollha *enforcement notice* tkun tista' tiġi trasferita tista' tagħti lok għal abbuż min-naħa ta' min qed jittrasferixxi, b'detriment għal min qed jirċievi l-proprjetà. Barra minn hekk, il-proposta li issa jibdew joħorġu "*warning notices*" qabel ma joħorġu "*stop*" u "*enforcement notices*" hija pass lura fl-impenn tal-Gvern kontra l-abbużi li jista' jkollhom effett negattiv ħafna fuq l-ambjent u n-nies li jgħixu fih.

**L-Oġġettiv Aħħari**

It-tibdil fil-liġi jrid isir ukoll fil-qafas tal-Pjan Strateġiku għall-Ambjent u l-Iżvilupp. Kif irridu li l-ambjent f'Malta jkun 20 sena ohra? Jekk nagħmlu din il-mistoqsija fil-kuntest tal-proposti ta' tibdil fil-liġi li qed jipproponi l-Gvern, it-tweġiba tista' tkun li jkollna ambjent li jkun ġie abbużat minn ftit, b'detriment għal ħafna. Pjan Strateġiku jindirizza l-viżjoni li rridu għall-ġejjieni. Għalhekk il-proposta li l-Pjan Strateġiku issa jista' jibda jinbidel kull meta hemm bżonn – li jista' jfisser ukoll kull meta xi żviluppatur jew entità oħra jagħmlu pressjoni kbira biżżejjed fuq il-Gvern – hemm ir-riskju li ma jkollniex iktar boxxla ċara li tiggwidana lejn fejn irridu mmorru. Jgħaddu 20 sena, inħarsu lura u naraw illi fejn wasalna ma kenitx id-destinazzjoni li xtaqna 20 sena qabel.

Għalhekk, il-KA tistieden lill-Gvern biex jevalwa bis-serjetà l-impatti tal-proposti kollha tar-riforma li qegħdin isiru fil-qasam tal-ippjanar u l-ambjent. Il-proposti jidhru li qed isiru b'kunsiderazzjoni kbira wisq għall-aspettativi tal-iżviluppaturi u b'inqas attenzjoni għall-kunsiderazzjonijiet iktar fit-tul li verament iħarsu l-ambjent għat-tgawdija tal-kotra.

Fid-dawl ta' dan kollu, il-KA tissuġġerixxi li f'dokumenti ta' importanza nazzjonali jkun hemm ippublikati l-ismijiet tal-persuni li offrew il-konsulenza tagħhom sabiex jitħejja u jkun iffinalizzat d-dokument. Dan għandu jsir f'ġieħ it-trasparenza u sabiex il-poplu jkun jista' jiġġudika jekk fid-dokument hemmx xi aġenda moħbija.

Il-KA tilqa' b'sodisfazzjon kull sforz biex is-sistemi amministrattivi tal-pajjiż isiru aktar effiċjenti. Iżda fl-istess ħin tawgura li jibqa' jsir minn kollox biex dawn ikunu wkoll dejjem aktar effikaċi. Fil-fatt hija tqis bħala pożittiv kull eżerċizzju ta' konsultazzjoni, l-aktar fuq aspetti importanti. Iżda, fl-istess ħin wieħed diffiċli jifhem kif ċerti dokumenti sensittivi, li jitolbu skrutinju serju minħabba l-impatt propost tagħhom, ikollhom perjodu ta' konsultazzjoni qasir u jinħarġu fi żmien meta l-poplu jkollu affarijiet oħra li jikkompetu għall-attenzjoni tiegħu.